MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2005

Rikors Numru. 81/2001/1

Rikors Nru:81/2001

John Agius

Vs

Paul Cassar u stante il- mewt ta' Paul Cassar fil- mori tar-rikors assumiet l- atti Doris Cassar b' digriet tal- 25 ta' Marzu 2003.

Il- Bord,

Ra ir- rikors ta' John Agius fejn jesponi b' rispett:

Illi huwa jikri lill- intimat l- fond numru 140, Triq Birkirkara, San Giljan bil- kera ta' erbatax il- lira (Lm 14) fis- sena pagabbli kull tlett xhur bil- quddiem bl- ewwel skadenza fl- 1 ta' Jannar 2001.

Illi l- esponent jidhirlu illi l- kera ta’ erbatax il-lira (Lm 14) fis- sena m’ huwiex wiehed gust.

Ghaldaqstant, umilment jitlob lil dan il- Bord sabiex jifissa dik il- kera li jidhirlu xierqa.

Ra r- risposta ta’ Paul Cassar fejn jesponi b’ rispett:

Illi d- domanda tar- rikorrenit hija infondata fil-fatt u fid- dritt ghaliex legalment il- kera xieraq tal- fond 140, Triq Birkirkara, San Giljan, li huwa qadim u post zghir hafna, huwa ffissat fis- somma ta’ erbatax il- Lira Maltija (Lm 14), kif se jirrizulta mill- provi.

Illi ghalhekk ir- rikors ghandu jigi michud bl-ispejjez ghar- rikorrenti.

Sema ix- xhieda bil- gurament.

Ra l- atti u id- dokumenti kollha.

Ra d- digriet tieghu tal- 23 ta’ jannar 2002 li bih gew mahtura periti teknici l- AIC Frederick Valentino u l- AIC John Sciberras.

Ra r- relazzjoni ta’ l- imsemmija periti.

Ikkonsidra,

1. Il- partijiet f’ din il- kawza qajmu l- punt dwar xi spejjez saru fil- fond u x’ kienu. Waqt l- access, kif mgharraf il- Bord mill- periti msemmija, kollox ttiehed in konsiderazzjoni.

2. It- talba hija ghal fissazzjoni tal- kera xierqa u ma jirrizultax li saru l- proceduri skond l- artiklu 10 tal- Kap 158 tal- ligijiet ta’ Malta.

3. Mir- relazzjoni tal- periti jirrizulta li l- kera xierqa hi ta’ tmintax il- lira Maltija fis- sena (Lm 18).

4. Ghalekk il- Bord jiffissa l- kera xierq tal- fond 140, Triq Birkirkara, San Giljan fl- ammont ta' tmintax il- lira Maltija (Lm 18) fis- sena pagabbli kull tlett xhur bil- quddiem l- ewwel skadenza fl- 1 ta' Jannar 2002. (fir- rikors id- data ta' l- ewwel skadenza hi mnizzla 1 ta' Jannar 2001 u r- rikors gie prezentat fit- 3 ta' Ottubru 2001); l- ispejjez jinqasmu bin- nofs bejn il- partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------